MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 73/2002/1

**Agius Services Company Limited**

**vs**

**Josef Cilia**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi dikjarat thallas l-ammont ta' Tlett mija tlieta u disghin lira maltija u tmintax –il centezmu (Lm393.18c) ammont dovut fuq merkanzija ikkonsenjata lil MLP Club fix-Xewkija fuq istruzzjonijiet tieghek stess; Skond ma jirrizulta mill-annessa invoice DOK. A.

Hallas ukoll l-interessi mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Kif ukoll l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji mibghuta lilek fit-13 ta’ April 2002 u tas-6 ta’ Mejju 2002.”

Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat fit-2 ta’ Gunju 2003 izda minkejja d-dekorrenza tat-terminu preskritt la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal wara d-dekorrenza tat-terminu moghti ghar-risposta u cioe’ dawk tat-30 ta’ Gunju 2003 u dik tal-lum;

Sema’ d-deposizzjoni guramentata ta’ Bernarda Agius direttrici tas-socjeta’ attrici li kkonfermat li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ l-istess talba u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ LM393.18 bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-eventwali hlas effettiv, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-13 t’April 2002 u tas-6 ta’ Mejju 2002 a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------